**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 27 ta' Settembru 2017**

**Pulizija**

**Spettur Mario Haber**

**Vs**

**Vitalii Tsaruk**

**Petro Tsaruk**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra;

Talli fis-26 ta' Settembru 2017 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:

1) Iffalsifikaw, biddlu jew ghamlu xi tibdil f'Karti ta' l-Identita' Bulgari jew uzaw jew kellhom fil-pussess taghhom id-dokument imsemmi li huma kienu jafu li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f'isem Mihail Kirilov bin-numru 182639178, u f'isem Bogomil Atanasov bin-numru 172628132 rispettivament;

2) Kif ukoll nakkuzhom talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija;

3) Kif ukoll nakkuzahom talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifikaw xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputatu irregistraw ammissjoni f'dawn il-proceduri, fis-27 ta' Settembru 2017, li giet ikkonfermata minnhom wara li nghatghu z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidraw sew l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w l-Artikolu 32(1d) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputati;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannhom ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28° tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**